MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 2326/2003/1

**Charles Mercieca & Co. Ltd., u b' digriet tat-22 ta' Marzu, 2004 ghandhom jizdiedu l-kliem "Brands International Limited gja Charles Mercieca & Co. Ltd." qbael l-isem tas-socjeta` attrici**

**vs**

**Malta Yacht Manufacturing Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Novembru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru 2003 fejn l-atturi talbu sabiex is-socjeta` konvenut thallas

is-somma ta’ Lm961.73 (disa` mija u wiehed u sittin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata li baqghet ma thallsetx.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-socjeta` attrici qed titlob lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ disa` mija u wiehed u sittin lira maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm961.73) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata li baqghet ma thallsitx.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 20 ta’ Settembru 2003 u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta ngubta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. L-ammont dovut huwa esagerat u mhux dovut.

2. Fi kwalunkwe kaz il-kumpanija konvenuta ma hijiex il-ligittimu kontradittur peress li ma kienetx hi li ghamlet l-ordnijiet minghand l-attur izda kien certu Donaldson li ma ghandux ir-rappresentanza tal-kumpanija.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi din il-kawza si tratta ta’ kreditu ghal konsenja ta’ materjal fornita lis-socjeta` konvenuta. Dana gie konfermat minn Charles Mercieca fis-seduta tat-28 ta’ Ottubru, 2004.

Illi s-socjeta` konvenuta ghar-ragunijiet taghha naqset li tipproduci l-evidenza taghha in sostenn tad-difiza taghha.

Irrizulta ghalhekk li t-talbiet atturi gew sodisfacentament pruvati billi mhux kontradetti.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici, tichad l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u tikkundanna thallas is-somma ta’ Lm961.73 bl-ispejjez u interessi kif mitlub.”

Appellat minn din is-sentenza s-socjeta` konvenuta bl-aggavju li hi ma xtratx l-oggetti li taghhom is-socjeta` appellata kienet qed titlob il-hlas. Hi fil-fatt tinsisti li l-oggetti nxtraw minn certu Ken Donaldson minghajr ordni taghha, tant hu hekk li ssostni li l-istess oggetti, ossija *marine wood* qatt ma ntuza minnha;

*Ex-facie* l-atti tal-kaz dan l-aggravju hu replika tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta` appellanti li ssollevat b' difiza li hi ma kienetx il-legittimu kontradditur billi hi ma ppjazzatx l-ordni *de quo*;

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appell interpost ma jimmeritax attenzjoni fit-tul. Dan anke ghaliex tqisu ghal kollox frivolu u vessatorju, intiz semplicement biex jiddilunga, bla ebda raguni konkreta, il-hlas dovut lis-socjeta` appellata;

In bazi ghal dan appena espress, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

(1) Ibda biex legittimi kontradditturi huma dawk kollha li necessarjament jmisshom ikunu parti fil-process, indipendentement jekk ikunux processwalment atturi jew konvenuti jew kjamati fil-kawza jew intervenjenti. Naturalment dawn iridu jivvestu l-kwalita` ta' l-interess *ad agire* jew *a contraddire*. Dan bhala element intrinsiku u integranti tal-procediment;

(2) Min jissolleva b' difiza li ma huwiex il-legittimu kontraddittur ghandu jsostni dan bi prova adegwata u konklussiva;

(3) Fil-kaz in ezami tali prova mhux biss ma saretx talli s-socjeta` konvenuta appellanti baqghet ghal kollox passiva u la ndenjat iggib prova fuq dan il-punt u lanqas dwar l-ewwel eccezzjoni illi l-ammont reklamat kien esagerat. It-Tribunal ghalhekk ma kellux ghazla ohra hlief li joqghod fuq ix-xhieda ta' Charles Mercieca, mhux

kontraddetta lanqas b’ kontroezami, illi l-fornitura ta’ l-oggetti saret fix-*shipyard* tas-socjeta` konvenuta u li l-hlas rizultanti mill-i*statement* esebit kien ghadu dovut;

(4) Jigi notat illi s-socjeta` appellanti ma appellatx ghal xi ksur tal-principju *audi alteram partem*. Anke kieku pero` kellu jkun hekk il-kaz, l-istess ma kienx isib il-favur ta’ din il-Qorti. Dan ghar-raguni illi trattandosi ta’ procedura quddiem tribunal specjali hi kienet fid-dover li tipproduci l-provi fil-mument li hekk kellha taghmel fit-termini tal-verbal tat-Tribunal adit;

(5) Ghal dan il-kaz ighodd it-taghlim tal-Qorti ta’ l-Appell, Sede Kummercjali, fil-kawza fl-ismijiet “**Joseph Falzon -vs- Anthony Debono *nomine***”, deciza fit-13 ta’ Jannar 1975:-

“Din il-Qorti ma tirravvisax fil-mod kif gew kondotti l-proceduri quddiem l-ewwel Qorti xi irritwalita` jew ksur tal-principju ‘*audi alteram partem*’. Dak il-principju ma jimportax illi f’ gudizzju huwa mprexxindibilment necessarju u assolutament essenzjali illi l-provi tal-konvenut effettivament jinstemghu imma biss illi tinghata lilu d-debita opportunita` li huwa jipproducihom. Kieku kien diversament u cioe kieku ma setax taht l-ebda cirkostanzi tinghata sentenza hlief wara s-smiegh tal-provi tal-konvenut, dan kien ikun jista’ jostakola u jimpedixxi d-definizzjoni ta’ kawza billi jibqa’ passiv jew jipprokrastina indefinittivament”;

(6) Dan l-insenjament jista’ jigi applikat b’ egwal forza fil-kaz ta’ procedimenti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghall-motivi ndotti mill-Artikolu 9 (2) ta’ l-Att V ta’ l-1995, senjatament subparagrafi (a) u (b) tieghu;

(7) In vista tas-suesposti konsiderazzjonijiet hu l-kaz li s-socjeta` konvenuta appellanti tigi ordnata thallas l-ispejjez ta’ dan l-appell ghal darbtejn, kif hekk jipprovdi l-Artikolu 223 (4) tal-Kapitolu 12.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata.  Bl-adozzjoni ta' l-Artikolu 8 (5) tal-Kapitolu 380 u ta' l-Artikolu 223 (4), Kapitolu 12, is-socjeta` konvenuta appellanti qed tigi kkundannata tbati d-*doppio spese* ta' din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------